# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru mija u wieħed (101) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju 2012, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻATI: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali u li wkoll ġew inizjalati.

3. Kien miftiehem illi l-laqgħa li jmiss tkun *ad hoc* biex ikunu aġġudikati l-offerti wara li l-kunsillieri sabu *dossier* imħejji mill-uffiċċju bid-dokumentazzjoni kollha l-aktar importanti tal-offerti pubbliċi tal-knis tat-toroq fiż-żona urbana, tat-tindif tal-uffiċċju, tat-tindif tal-latrina pubblika, tal-pubblikazzjoni ta' *brochure* (miżura 313), kif ukoll tax-xiri ta' van *second hand*, u din se nagħmluha nhar is-17 ta' Lulju 2012, fis-6:30pm.

4. Dwar ix-xogħlijiet fit-toroq li għad fadal sabiex jinksew mill-ġdid, jiġifieri dik ta' Triq is-Saljatura, Triq Ħal Kirkop, Triq iż-Żurrieq u Triq il-Murselli, is-sindku qal li dawn mexjin b'ritmu mgħaġġel.

5. Viċin dawn ix-xogħlijiet, qed isiru dawk tal-proġett *EARDF* ta' Miżura 313 propju fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Hawn jidher li nqala' intopp ċkejken meta instab parti żgħira minn qabar Paleo Kristjan ieħor mat-tlieta li diġà huma magħrufa. Intant is-Sovratendenza Patrimonju Malti qed tibgħat impjegat tagħha kuljum jakkumpanja x-xogħlijiet tal-KLM magħmula mill-Kuntrattur *Schembri Barbros Ltd* tissorvelja. Madankollu nstab li l-ħsara kienet diġà saret fil-passat minn kuntratturi u /jew impjegati tal-gvern li għaddew bl-infrastruttura minn dawn l-inħawi. Tant li *manhole* tad-drenaġġ tinstab kostruwita f'qabar minnhom. Is-saqaf ta' dan il-qabar ma jeżistix għaliex skond l-uffiċjal tas-Sovratendenza tkisser kollu, minkejja li fdalijiet tat-taraġ li jieħu taħt l-art, għadu jeżisti. Is-sindku qal li fil-verità jeżistu fdalijiet ta' qabar fuq kull naħa li qatt qabel ma kienu skavati. Is-segretarju eżekuttiv wera ritratti li ttieħdu matul din il-ġimgħa u fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, li juru dan kollu, lill-kunsillieri preżenti. Is-sindku qal li ma dawn l-oqbra ntilfu tlett ijiem sħaħ ta' xogħol. Xi ħaġa oħra li nstabet waqt dawn ix-xogħlijiet kienet mejn mhux magħruf tal-ilma tas-sitt (6) pulzieri illi l-kuntrattur laqatlu aċċidentalment is-siġill taċ-ċomb tiegħu u li beda jagħmel l-ilma minnu. Din il-fergħa mejta li ma kienet qed tieħu l-ebda residenza minnha, fil-verità kienet ħajja u l-uffiċjali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għalqu aktar minn mejn wieħed biex skoprew huma stess minn fejn kienet qed tieħu (tiġi ffidjata). Din issa inqatgħet u eliminajna l-possibiltà li aktar 'il quddiem kien ikollha terġa' tinqala' t-triq /bankina biex tissewwa xi ħsara tal-ilma prospettiva minħabba s-snin li għaddew minn fuq din il-kanna.

6. Fil-futur qrib se tinfetaħ parti mis-*service road* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, propju viċin il-*Convenience Shop* għat-traffiku biex isservi ta' passaġġ waqt li se jkun qed jitpoġġa t-tarmak madwar il-ġnien u titmexxa r-*roundabout* daqstant traffikuża. Intant, is-sindku qal li f'partijiet minn Triq Ħal Kirkop se jsiru xi bankini, bejn Triq il-Murselli u Triq il-Mentna għaliex f'din il-parti, it-triq hija dejqa ħafna u l-vetturi goffi kienu qed jgħaddu sewwa sew mal-faċċati tad-djar bil-

konsegwenza li jtajru l-galleriji tar-residenti. B'hekk, minħabba li se jkun hemm il-bankina, il-vetturi jkollhom jgħaddu 'l barra bilfors.

7. Biex nimmitigaw l-inkonvenjent tat-trabijiet li qed ikun hemm fuq il-lantijiet tax-xogħol, illum saret tindifa tat-trab u tbexxet it-triq bl-ilma fi Triq iż-Żurrieq u Triq is-Saljatura fejn hu mistenni wkoll li dawn jitqaxxru mill-ġdid ħalli ma jogħliex ħafna il-livell tat-tarmak. Għal domanda ta' Grace Marie Mallia, is-sindku qal illi se nippruvaw illi sal-aħħar ta' Lulju 2012 jintemm il-proġett pilota.

8. Wara l-*e-mail* li bagħtet il-Perit Graziella Galea A & CE għal *Transport Malta*, propju llum, issa sirna nafu li Triq tas-Sejba se tingħalaq temporanjament għaliex se jsiru *pilot holes* biex jaraw għaliex niżlet it-triq, wara li l-istess *Transport Malta* għamlu kuntatti mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn dawn, skond is-sindku, irrispondew li l-mejn tagħhom mhux difettuż. Is-sindku qal li hu ma qabilx mal-pjan tad-*diversion* tat-traffiku propost minn *Transport Malta* sabiex ikunu devjati il-vetturi temporanjament minn Triq il-Parroċċa; infatti hu rrispondihom illi jittollera biss vetturi żgħar minn Triq il-Parroċċa.

9. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat illi permezz tal-ħaddiema tal-*IPSL*, isiru mill-ġdid il-*parking bays* li kienu temporanjament meħuda minħabba it-*tower crane* li kien użat fil-kostruzzjoni tal-każin tas-SMMTĠ. Hawn intqal illi kien hemm minn tnejn sa tliet parkeġġi bejn il-Knisja ta' Santa Katerina u l-ispiżerija. Dawn se jsiru għada filgħodu wara li propju llum l-istess ħaddiema irrinfriskaw iż-*zebra crossing* ta' Pjazza tal-Knisja, ftit 'il bogħod.

10. Grace Marie Mallia staqsiet dwar il-propost *yellow line* quddiem ir-residenza 'Ġawhra' fi Triq Valletta, L-Imqabba. Is-segretarju eżekuttiv qal li ta r-ritratti, il-qisien u s-*site plan* lid-Direttorat tal-Immaniġġjar tat-Trasport fi ħdan *Transport Malta*, fil-ħin. Intant għadna mingħajr risposta minn għandhom.

11. Għal mistoqsija oħra li għamlet Grace Marie Mallia dwar is-servizz, li kien maqtugħ, tat-trasport pubbliku bl-Arriva fil-5:30am lejn l-Isptar *Mater Dei*, is-segretarju eżekuttiv ukoll wieġeb li għadda l-ittra formali tal-KLM kif ukoll l-ilment tar-residenti lill-istess kumpanija u lil *Transport Malta* (l-awtorità li timmaniġġja dan), u wkoll għadna mingħajr risposta.

12. Dwar l-inċident fejn ħareġ id-drenaġġ fi Triq Ħal Kirkop wara li dan far fit-triq u minnu tela' ħafna materjal tal-ħmieġ tal-bhejjem, il-KLM irrapporta l-każ dak il-ħin stess lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u dawn ħaslu t-triq permezz ta' *bowser* wara li reġgħu infetħu mill-ġdid il-katusi. Madankollu, xorta waħda kellna nġibu *bowser* ilma ieħor biex innaddfu wara x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba l-intiena u l-ħmieġ li kien għad fadal.

13. Is-segretarju eżekuttiv bagħat ittra ta' ringrazzjament f'isem il-KLM lill-Korp tal-Pulizija li s-sindku qal li din kienet apprezzata ħafna mill-istess pulizija speċjalment dawk stazzjonati fl-Għassa taż-Żurrieq wara li rnexxielhom jinterċettaw f'bar lokali diversi traffikanti tad-droga, propju fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.

14. Ittra ta' ringrazzjament oħra intbgħatet ukoll lis-Sur Saliba fejn dan jipprovdina kull sena bi xkejjer ta' silġ li ntefgħu fuq id-*drinks* li ġew ġentilment mogħtija lill-bandisti fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.

15. Il-preparamenti minn naħa tal-uffiċċju għall-Festa ta' Santa Marija, diġà jinsabu f'dawn il-fażijiet. Il-permessi tal-kabbani kienu approvati, fejn u lil dawk li kienu armati s-sena l-oħra fl-istess postijiet. Intbagħtu l-ittri tax-xiri (*purchase orders*) lil dawk li jipprovduna bil-*mobile toilets*, lill-kuntrattur tal-latrina pubblika biex nestendu l-ħinijiet, lil *St John Ambulance* biex nikru ambulanza lejliet il-festa, kif ukoll lill-Uffiċjal Awtorizzat tar-Reġjun tan-Nofsinhar biex ikunu maqlugħa diversi gwardjani lokali ħalli jkun hawn organizzazzjoni tat-trasport /traffiku fit-toroq. Is-segretarju eżekuttiv qal li diġà staqsa lill-kaxxier tal-każin minn meta kienet se tingħalaq Triq il-Madonna tal-Ġilju għat-trasport pubbliku biex javża lill-*Arriva Malta* bid-devjazzjonijiet li jkun hemm bżonn biex propju jkun jista' jinħaraq in-nar tal-art minn din it-triq. Ovvjament devjazzjoni oħra tkun nhar u lejliet il-festa biex minflok tintuża parti mill-*by-pass*, tkun tista' tintuża Triq il-Barrieri, Triq il-

Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa u Triq il-Qattara. Dwar it-*token* li jingħata fil-programm strumentali /vokali ta' nhar l-10 ta' Awwissu, il-KLM qabel li jingħata *voucher* biex ikun imsarraf f'mużika ħalli jippromwovi din l-arti tant għal qalbna.

16. Dwar il-fuljett tal-KLM li se joħroġ f'Awwissu 2012, is-sindku fakkar lill-kunsillieri sabiex iħejju l-messaġġ tagħhom filwaqt li s-segretarju eżekuttiv saħaq illi jkun hemm l-avviż għan-nomini għal Ġieh l-Imqabba 2012. Is-sindku qal li jinħtieġ li jidher reklam ieħor biex il-KLM jorganizza ħarġa oħra għal Għawdex li hu ppropona li ssir bħal dik li saret is-sena l-oħra, jiġifieri f'Settembru 2012 mal-fornitur *Seashells /Speedway Garage*.

17. Is-sindku qara ittra oħra li rċieva mingħand is-SMMTĠ bid-data tal-4 ta' Lulju 2012, li tirreferi għal-laqgħa li kellhom huma mal-KLM nhar l-24 ta' April 2012, fejn kienu akkumpanjati mil-Perit Ian Cutajar dwar il-proġett tal-ġnien tal-ġibjun. Huma talbu direzzjoni mill-KLM sabiex japplikaw għas-servizz tal-elettriku fl-istess ġnien. Hawn is-sindku qal li peress illi l-permess tal-*MEPA* ħareġ fuq din is-soċjetà, iridu jkunu huma li japplikaw għaliex il-*compliance certificate* tal-*MEPA* se joħroġ fuq is-soċjetà biex bih ikunu jistgħu japplikaw għall-elettriku, minkejja li l-*billing address* għandu jkun tal-KLM li se jidħol responsabbli bil-ħlas tal-konsum. Il-kunsillieri preżenti approvaw dan kollu u s-segretarju eżekuttiv se jikkorrespondi mas-soċjetà f'dan is-sens.

18. Bi tħejjija għall-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba 2012 u l-attività kulturali li tinżamm fl-istess xahar, Paul Spiteri avviċina lill-Artisti Antoine Farrugia u Maria Tonna biex possibilment itellgħu wirja ta' arti: pittura u skultura. Is-sindku qal li filwaqt li jirringrazzja lil Paul Spiteri għal din l-inizjattiva minn naħa tiegħu, jinħtieġ li din niftħuha aktar billi nagħmlu avviż fil-fuljett għal min ikun jixtieq jesebixxi possibilment fi Triq Santa Katerina (viċin fejn kien it-*tower crane*) biex tkun rotta ta' arti minflok sempliċiment wirja. Grace Marie Mallia filwaqt li qablet ma' dan kollu qalet illi l-biżgħa hu t-temp li jista' joħloq inkonvenjent żejjed ġaladarba din mhix se tkun f'post bis-saqaf bħalma kien l-Isptar il-Qadim. Is-sindku qal li f'każ li jkun il-maltemp se jitħassar kollox nhar il-5 ta' Ottubru 2012. Hu żied jgħid li din id-darba l-*budget* hu aktar strett għaliex għal din l-attività hemm stennija kbira u l-*budget* niżżluhulna għal €3,000 biss.

19. Is-sindku semma l-mewt ħabta u sabta tal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Hu ċempel dak il-ħin lil Fr Frans Abdilla li qed jieħu ħsieb temporanjament il-Parroċċa tagħna u dan infurmah illi nhar it-12 ta' Lulju 2012 se jsir il-funeral tiegħu fil-Parroċċa. Dun Frans żied jgħid illi f'nofsinhar, il-ġisem ta' Dun Nazzaren Caruana se jkun espost fil-Kappella ta' San Mikiel sas-1:45pm, u mbagħad jittieħed b'korteo għall-Knisja u tibda l-quddiesa *presente cadavere* fis-2:30pm. Il-KLM se jkun qed jagħmel bukkett fjuri b'turija ta' rispett kif ukoll ser josserva tlett ijiem ta' luttu, fejn il-bandiera fid-daħla tal-Imqabba, ser tkun mezz asta wkoll.

20. Il-laqgħa ntemmet fit-20.15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____/ 07/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |